MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 141/1997/1

Louis Agius .

vs

Carmel sive Charlie Agius u Maryanne Agius, u b'degriet tad-9 ta' Gunju, 1998, Charles Mercieca gie kjamat fil-kawza .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti sabiex previa okkorrendo d-dikjarazzjoni illi intom fadlilhom thallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmien liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm408.51c) bilanc minn somma akbar dovut minnkom naxxenti mill-iskrittura ta' kiri tan-negozju 'Il-Kaptan', Triq Marina, Marsalforn, u cioe' LM160.51c konsum ta' dawl u ilma; Lm14 kiri ta' meters ta' dawl u ilma; Lm30 bilanc illi kellek

thallas mid-drittijiet tal-avukat minhabba s-seduti provokati minn nuqqas taghkom illi twettqu l-obbligi kontrattwali u liema somma giet accettata minnkom seduta stante; Lm16 kont ta' telephones, u Lm188 bilanc tal-kera rizultanti wara l-hlas effettwat minnkom; intom tigu kundannati thallsu din l-istess somma.

Bl-interessi mid-data tat-18 ta' Gunju, 1997 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 1997 kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .

2. Illi kwantu ghal kontijiet tad-dawl, ilma u telephones dawn gia gew imhallsa minn certu Charles Mercieca li kien prattikament jiggestixxi n-negozju msemmi .

3. Illi kwantu ghal l-ispejjez ta' l-avukat dawn qatt ma gew accettati mill-konvenut u ghandhom jigu sopportati fl-interezza taghhom minn l-ttur li a kundita tieghu talab illi l-iskrittura privata ta' bejniethom issir minn avukat u ghal dan l-inkarigu qabbad l-avukat ta' fiducja tieghu, meta l-konvenut kien offra li l-istess skrittura ssir privatament bejn il-partijiet u mhux quddiem avukat .

4. Illi kwantu ghal Lm188 mitluba l-eccipjenti dejjem offra l-istess somma lill-attur izda talab li minnha titnaqqas is-somma ta' mitt lira Maltina (Lm100) li hu kien ta lill-attur bhala depozitu .

5. Sussidjarjament fi kwalunkwe kaz xi interessi ghandhom jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficjali u mhux minn xi data ohra kif suggerit minn l-attur .

6. Illi din il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur .

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 1998 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Charles Mercieca .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess kjamat fil-kawza li eccepixa illi :

1. illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghalhekk fil-konfront tieghu t-talba attrici "nec nocet nec prosit" .

2. illi kwalunkwe obbligi li kellu mal-konvneut huwa ssodisfahom u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-nota ta' l-attur tat-22 ta' Gunju 2000 fejn irriduca t-talba ghas-somma ta' mija u tletin lira maltija (Lm130) .

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Marzu 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits u dokumenti ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti l-bilanc (kif ridott) li jghid li ghadu dovut lilu in konnessjoni ma' kontijiet li kien baqa' pendenti ghall-kiri tal-hanut imsemmi fl-Avviz . Il-konvenuti qed jikkontestaw it-talba, l-ewwelnett ghax jikkontendu illi s-somma ta' mitt lira (Lm100) li l-attur jghid li ghadha dovuta bhala parti mill-kera tas-servizzi, kellhom jitnaqqsu minn somma ugwali li huma kienu ghamlu bhala depositu meta ftehmu li jiehdu l-hanut b'kera minghand l-attur . Imbaghad it-tletin lira (Lm30) l-ohra jirraprezentaw drittijiet ta' l-avukat ta' l-attur li kien gie konsultat in konnessjoni mal-pendenzi li kien hemm bejn il-kontendenti u ghalhekk isostnu illi dawn

ghandu jissoportihom l-attur stess . Fi kwalunkwe kas isostnu illi huma kienu ssullokaw lill-kjamat fil-kawza Charles Mercieca bil-kusens ta' l-attur, u ghalhekk kull bilanc li jista' ghad ikun pendenti irid jithallas minnu .

Irrizulta veru li l-konvenuti kienu ghaddew il-kirja a favur ta' l-imsemmi Charles Mercieca bil-kunsens ta' l-attur, imma dan kien ghamilha cara maghhom illi huwa kien ser jibqa' jaghraf lilhom biss bhala inkwilini u li kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-istess Charles Mercieca . Jikkontendi ghalhekk illi jekk Mercieca naqas li jhallas xi haga li, skond il-ftehim ta' bejniethom kellha tigi ssoportata minnu, mieghu xorta wahda kellhom jaghmlu tajjeb ghaliha l-istess konvenuti .

Fil-mori tal-kawza gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni mill-konvenuti fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Mercieca (a fol. 23) . Billi dan naqas li jattendi ghas-seduta sussegwenti, l-kapitoli gew miftuha u a tenur ta' verbal maghmul mill-legali tal-konvenuti f'dik is-seduta, li talab illi dawn kellhom jigu dikjarati bhala ammessi fil-konfront tar-relazzjonijiet bejn l-istess konvenuti u l-kjamat fil-kawza (a fol. 25), il-Qorti ghalhekk u minghajr ma tippregudika d-drittijiet ta' l-attur, tiddikjara l-istess kapitoli ammessi limitatament fil-konfront tar-relazzjonijiet ta' bejniethom .

Il-konvenuti ghalkemm baqghu jinsistu tul is-smiegh ta' din il-kawza illi l-mitt lira li huma kienu hallsu fil-bidu bhala depozitu, meta ftehmu ma' l-attur (ara ircevuta Dok. CA 1 a fol. 37) qatt ma ttiehdet in konsiderazzjoni meta saru l-pagamenti tal-kera, u ghalhekk l-attur kien debitur lejhom f'dan l-ammont, baqghu ma ressqu ebda prova sodisfacenti dwar dan . Ghall-kuntrarju l-attur esebixxa skrittura li kienet saret meta l-kontendenti tterminaw il-kirja (Dok. CG 1 a fol. 45) li tindika li l-konvenuti dakinhar kien ghadhom *inter alia* debituri lejh fis-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira maltija (Lm188) . Kontra t-tezi tal-konvenuti hemm ukoll il-fatt ammess minnhom stess illi ghalkemm kienu f'xi zmien ftakru illi dawn il-mitt lira qatt ma gew imnaqqsa, meta kienu jaghmlu xi pagamenti lill-attur, dawn xorta wahda baqghu ma ssemmew qatt .

Minn naha l-ohra l-konvenuti ghandhom ragun dwar it-tletin lira li l-attur jghid huma dovuti bhala drittijiet legali . *Ex admissis* l-avukat dottor Galea kien gie inkarigat mill-attur biex jiehu hsieb l-interessi tieghu u mhux dawk tal-konvenuti . Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi ftehim kuntrarju li ma giex ippruvat, kwalunkwe hlas f'dan ir-rigward kellu jsir mill-attur stess u mhux mill-konvenuti .
Ghal dawn il-motivi tiddicidi l-kawza, billi tiddikjara lil-konvenuti u lill-kjamat fil-kawza debituri *in solidum bejniethom* lejn l-attur fis-somma ta' mitt lira maltija (Lm100) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni mal-kirja li huma kellhom tal-fond indikat fl-Avviz, u tikkundannahom ihallsu l-istess somma bl-interessi legali mid-data ta' l-ittra ufficcjali tas-7 ta' Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti u l-kjamat fil-kawza *in solidum* bejniethom u kwart (1/4) mill-attur innifsu .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------